

## II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obligatorja)

## DEĊIŻJONIJIET

## IL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Frar 2009

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar koperazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet anti-kompetittivi**

(2009/586/KE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 83 u 308, flimkien mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Minħabba d-dimensjoni internazzjonali dejjem aktar evidenti tal-problemi ta' kompetizzjoni, il-koperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam għandha tissaħħaħ.
- (2) L-infurzar korrett u effikaċi tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni huwa materja ta' importanza għall-operazzjoni effiċjenti tas-swieq u għall-kummerċ internazzjonali.
- (3) L-elaborazzjoni tal-prinċipji tal-korteżija pożittiva fid-dritt internazzjonali u l-implimentazzjoni ta' dawk il-prinċipji fl-infurzar tal-liġijiet dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità u tal-Korea t'Isfel x'aktarx iżidu l-effikaċja tal-applikazzjoni tagħhom.
- (4) Għal dan l-għan, il-Kummissjoni nnegozjat Ftehim mal-Gvern tar-Repubblika tal-Korea fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni tal-Komunità Ewropea u tal-Korea t'Isfel.

- (5) Ladarba l-Ftehim jinkludi għaqdiet ("mergers") u akkwisti li huma koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) <sup>(2)</sup>, li huwa, min-naħa tiegħu, ibbażat essenzjalment fuq l-Artikolu 308, din id-Deċiżjoni għandha tkun ukoll ibbażata fuq dak l-Artikolu.

- (6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar koperazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet anti-kompetittivi huwa b'dan approvat fisem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim sabiex il-Komunità tintrabat bih <sup>(\*)</sup>.

Magħmula fi Brussell, is-16 ta' Frar 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

O. LIŠKA

<sup>(1)</sup> Opinjoni tal-4 ta' Diċembru 2008 (għadha mhijiex publikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(\*)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim sejra tiġi publikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġeneral tal-Kunsill.